# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 16 ta' Dicembru 2021**

**Kawza Numru: 12**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 927/2021 JVC**

**Mariella Magro**

**vs**

**Kevin Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Mariella Magro kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti giet ammessa ghal beneficcju tal-Ghajnuna Legali. (Dok A)

2. Illi r-rikorrenti tiddetjeni b'titolu ta' lokazzjoni minghand l-Awtorita' tad-Djar il-fond urban bl-indirizz Entrance A, Flat 1, Binja Preziosi, Pjazza Luigi Preziosi, Floriana. (Dok. B)

3. Illi l-intimat qed jokkupa l-istess fond immobbli fuq surreferit minghajr ebda titolu validu skond il-ligi;

4. Illi minhabba li r-relazzjoni ta' bejniethom hija terminata tant illi minhabba l-agir tal-istess intimat, l-esponenti kellha tmur tirrisjedi temporanjament f'Dar Merhba Bik.

5. Illi fl-umli fehma tar-rikorrenti, l-intimat ma ghandhu ebda eccezzjoni valida skond il-ligi x'jissoleva kontra t-talbiet rikorrenti f'din il-kawza u dana kif jirrizulta mill-affidavit tar-rikorrenti hawn anness u mmarkat (Dok C);

6. Illi ghalhekk jissussistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikolu 167 et. seq. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tinstema u tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh tal-provi;

7. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh tal-provi ai termini tal-Artikoli 167 et. seq. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lill-intimat sabiex jizgumbra u jivvaka mill-fond immobbli u cioe` Entrance A, Flat 1, Binja Preziosi, Pjazza Luigi Preziosi, Floriana entro terminu qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u jikkonsenja l-pussess vakanti tal-istess fond fuq imsemmi lir-rikorrenti;

Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-intimat li huma ingunti ghas-subizzjoni.'.

Rat illi l-intimat debitament notifikat, imsejjah diversi drabi fis-seduta tallum stess ma deherx;

Rat illi fil-verbal tallum il-Qorti ddikjarat lill-intimat kontumaci u ghaddiet sabiex tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti sabiex il-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smigh;

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors guramentat, partikolarment l-ircevuta a fol. 5 tal-process li tevidenzja li l-kirja mal-Awtorita' tad-Djar issejjah biss lir-rikorrenti Mariella Magro;

Rat ukoll l-affidavit tar-rikorrenti fejn tikkonferma illi l-kirja tal-fond imsemmi ssejjah lilha;

Fic-cirkostanzi u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni l-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti hija gjustifikata u tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat Kevin Azzopardi sabiex jizgombra mill-fond immobbli u cioe' minn Entrance A, Flat 1, Binja Preziosi, Pjazza Luigi Preziosi, Floriana entro terminu ta' ghaxart ijiem u jikkonsenja l-pussess vakant tal-istess fond imsemmi lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**16 ta' Dicembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Dicembru, 2021**